Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10487 — CDPQ/Investcorp/ICR)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 414/05)

1. Fl-1 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Caisse de dépôt et placement du Québec ("CDPQ", il-Kanada),

— Investcorp Holdings B.S.C. ("Investcorp", ir-Renju tal-Bahrain),

— ICR OPCO, LLC ("ICR", l-Istati Uniti tal-Amerka).

CDPQ u Investcorp jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' ICR.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' titoli.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— CDPQ: investitur istituzzjonali fit-tul attiv globalment li jiġġestixxi fondi primarjament għal pjanijiet ta' pensjoni u assikurazzjoni pubbliċi u parapubbliċi, Hija tinvesti dawn il-fondi globalment fi swieq finanzjarji importanti, f'ekwità privata, fl-infrastruttura u fil-proprjetà immobbli.

— Investcorp: istituzzjoni finanzjarja internazzjonali li taġixxi bħala prinċipal u bħala intermedjarju fi tranżazzjonijiet ta' investiment internazzjonali,

— ICR: komunikazzjoni strateġika u konsulenza, speċjalizzata f'relazzjonijiet mal-investituri, relazzjonijiet pubbliċi, komunikazzjonijiet ta' kriżi u sitwazzjonijiet speċjali, immarkar diġitali tad-ditta, u soluzzjonijiet ta' konsulenza kapitali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10487 — CDPQ/Investcorp/ICR

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË